MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2014

Numru 110/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Spiridiona Camilleri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra Spiridiona Camilleri, bint Eucharist u Teresa nee' Vella, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 353460M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar l-4 ta' Settembru 2013, ghall-habta ta' bejn 08:30hrs u 10:00hrs fi Triq il-Port, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex:
>
> Waqt li kienet fil-proprjeta' taghha fil-fond bl-isem 'Ta' Pennellu,' Marsalforn, Zebbug, Ghawdex bla hsieb li taghmel hsara kontra l-ligi izda b'jedd li tippretendi li ghandha, qalghet ghata ta' tieqa maghmula tal-metal mill-proprjeta' tal-ahwa Maria Vella, Tarcisia Haber, Anton Caruana, Frankie Caruana, Dr. Michael Caruana, Doreen Caruana, Elvina Portelli u

Josette Portelli li tinsab fi Triq Ulisse, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex u b'hekk fixklithom fil-pussess ta' hwejjighom u ezercitat arbitrarjament il-pretensjonijiet fil-proprjeta' taghhom.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-4 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Spiridiona Camilleri hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannata multa ta' mitejn Euro (€ 200.00).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija Spiridiona Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2014, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka *in toto* s-sentenza appellata u minflok tilliberha minn kull imputazzjoni u htija.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

L-imputata appellanti hija proprjetarja tal-fond "Ta' Pennellu", Marsalforn, Zebbug, Ghawdex li fuq in-naha ta' wara tieghu ghandu bitha li hija ta' fond proprjeta' tal-Avukat Michael Caruana u hutu. Bejn il-fond tal-imputata u dak tat-terzi hemm ħajt li jiddividi z-zewġ proprjetajiet. Fil-ħajt li jiddividi z-zewg proprjetajiet kien hemm tieqa maghluqa b'bicca pjanca tal-metall mizmuma f'postha permezz ta' strixxi ta' njam u serratizz minn naha tal-fond proprjeta' tat-terzi. Fl-4 ta' Settembru 2013 filghodu is-sidien tal-fond tat-terzi sabu s-seratizz spostat minn postu, l-injam u pjanca maqlughin u mitluqin mal-art fil-fond taghhom. Dan wassal sabiex l-ahwa Caruana spiccaw irrapportaw lill-appellanti lill-pulizija u in segwitu ta' dan l-imputata tressqet akkuzata l-Qorti kif inghad.

**6.** Sostanzjalment l-aggravju tal-appellanti huwa li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li wassalha ghall-konkluzjoni zbaljata tal-htija tal-imputata appellata meta effettivament l-elementi tar-reat dedott ma gewx pruvati anki ghaliex l-ghemil tal-imputata appellanti kien wiehed legittimu gustifikabbli bil-principju ta' *vim vi ripellere licet* u dan peress illi pjuttost milli aggressur hija kienet il-vittma ta' aggressjoni kontinwa da parti tal-kwerelanti.

**7.** Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Dak li jirrizulta mill-provi hu li jidher li t-tieqa jew apertura fil-hajt ta' bejn iz-zewg fondi wiehed tal-ahwa Caruana u l-iehor tal-appellanti kienet gia tezisti daqs 40

sena ilu[1]. L-ahwa Caruana jsostnu li gia sa minn dak inhar dik l-apertura fil-hajt kienet imbarrata bl-injam. Dan jidher konfortat minn ritratt Dok. M1, li rrizulta ttiehed fl-1994, li juri t-tieqa fil-hajt u li tidher imbarrata peress li ma hemmx dawl hiereg mill-istess tieqa. Jidher ukoll fl-istess ritratt li fil-fond tal-ahwa Caruana precizament quddiem l-apertura ta' bejn iz-zewg fondi, hemm shower installat. Dan is-shower jidher ukoll fir-ritratti aktar ricenti Dok. C, D, E li ttiehdu f'Settembru 2013. L-imputata, minn naha taghha, tallega li kemm ilha propjetarja tal-fond, minn xi 23/24 sena ilu, t-tieqa minn dejjem kienet miftuha[2] u li l-ewwel darba li giet imbarrata mill-ahwa Caruana kien fl-2013[3].

**9.** Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel li hi perswaza li l-apertura fil-hajt in kwistjoni kienet ilha imbarrata snin twal qabel l-ahhar incident ta' Settembru 2013 mertu tal-imputazzjoni. Ix-xiehda tal-ahwa Caruana hi konfortata bil-fatt li, kif sabet l-ewwel Qorti, l-istess apertura ma kienx qieghed isir uzu minnha kif jixhed ix-*shower* li kien ilu fil-post fil-bitha in-naha tal-familja Caruana precizament quddiem l-apertura in kwistjoni liema *shower* irrizulta li kien jintuza minn min kien jokkupa l-fond tal-ahwa Caruana. Fid-data tal-incident mertu tal-imputazzjoni dan ix-*shower* kien ghadu ezistenti fil-pozizzjoni li kien tal-anqas fl-1994. L-appellanti rrilevat li fix-xiehda taghha x-xhud Haber semmiet li l-ghata originali kienet tnehhiet xi sena jew sentejn qabel l-incident mertu tal-imputazzjoni. Dak li ma ssemmix l-appellanti hu li fl-istess xiehda, minnufih qabel fejn issemmi li l-ghata tnehhiet sena jew sentejn qabel, fuq domanda tad-difiza dwar meta l-ghata tnehhiet l-ewwel darba, Haber xehdet ukoll li "Ahna, meta kienet ilha hemm hafna..." u hawn giet imwaqqfa hesrem mill-avukat difensur tal-imputata[4]. L-istess Haber ziedet ukoll li dakinhar li ndunaw li tnehhiet l-ghata huma regghu mbarraw l-apertura u ghamlu kollox kif kien qabel. Irrizulta wkoll li l-ghata kienet originarjament tkun tal-injam izda wara li din tnehhiet diversi drabi mill-appellanti giet sostitwita b'wahda taz-zingu. L-appellanti xehdet li rrapportat lill-pulizija it-tnehhija tal-ghata biss meta din saret taz-zingu izda ma rraportatx lill-pulizija f'dawk il-kazijiet li l-ghata kienet tkun tal-injam. Ma hux verosimili li l-imputata appellanti ma tirrappurtax lill-pulizija t-tnehhija ta' ghata, anki jekk tal-injam, li l-appellanti kienet tirritjeni li qatt ma kienet hemm qabel meta tghid li tant kienet herqana li tippreserva d-drittijiet taghha[5] .

**10.** Irrizulta li fid-data tal-incident mertu tal-imputazzjoni kienu l-ahwa Caruana li kellhom il-pussess tal-ghata tal-apertura in kwistjoni liema ghata kienet tinsab fil-proprjeta' taghhom. Fid-data tal-incident l-imputata spoljat lill-ahwa Caruana minn dak il-pussess u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-principju ta' *vim vi repellere* ma jsibx applikazzjoni. L-appellanti tilmenta li ma jistax ikun dak konkluz mill-ewwel qorti li l-ghata tnehhiet billi l-appellanta nizlet fil-bitha proprjeta' tal-ahwa Caruana. Din il-Qorti

[1] Ara depozizzjonijiet ta' Dr. Michael Caruana, Tarcisia Haber u Maria Vella a fol. 7, 27 u 33-34 rispettivament
[2] Fol. 46
[3] *ibid*
[4] Fol. 28
[5] Forl. 45, 51

tistqarr li ma hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti dwar din ic-cirkostanza. Fi  kwalunkwe kaz, anki jekk it-tnehhija tal-ghata saret, kif tghid l-appellanti, billi mill-fond taghha sfrondat l-ghata li kien hemm fil-bitha tal-ahwa Caruana dan xorta jammonta ghal dik l-interferenza fil-pussess ta’ hwejjeg haddiehor li l-ligi trid tissoprimi. Irrizulta wkoll li din l-interferenza saret kontra l-oppozizzjoni espressa jew presunta tal-ispoljat, bil-kredenza li l-att spoljattiv kien qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt, u bil-koxxjenza li l-ghemil kien qieghed isir *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita’ pubblika u fin-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. Ghalhekk l-elementi kollha tar-reat imputat lill-appellanti gew sodisfacentement pruvati skont il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------